**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 10 TA' GUNJU 2002.**

**Avviz Numru 508/02 AJD.**
**Mark Dione Cutajar.**

**Vs**

**Edwin Farrugia.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz prezentat fl-1 ta' Marzu 2002 fejn l-attur talab li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident stradali li sehh f'Mdina Road, Qormi fit-23 ta' Novembru 2001 bejn Skoda Felicia numru EAI 883 tal-attur u Morris Marina numru GAM 413 misjuqa mill-konvenut u dan minhabba mprudenza, negligenza, impeerizja u inosservanza tar-regolamenti da parti ta' dan.**

**Flimkien ma kundanna lil-konvenut li jhallas id-danni sopportati mill-attur fl-ammont ta' LM481.03 maghmula hekk:-**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **(i)** | **Parts** | **LM116.93** | **Dok. B.** |
| **(ii)** | **Repairs** | **LM349.60** | **Dok. A.** |
| **(iii)** | **RAR** | **LM3.00.** | |
| **(iv)** | **Ittra u konsult –** | **Lm11.50** | **Dok.C.** |
| | | **LM481.03** | |

**Bl-ispejjes u bl-imghax min-notifika tal-Avviz flimkien mal-ispejjes tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap. 104.**

**Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa:**

1. **L-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda unikament htija tal-attur Mark Dione Cutajar.**
2. **Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jgib prova tad-danni.**
3. **Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-attur.**
4. **Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjes kontra l-attur.**

**Sema' x-xhieda tal-partijiet. Ha konjizzjon tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.**

**Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.**

**Ikkunsidra:**

**Illi l-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta' Novembru 2001 gewwa Mdina Road, Hal-Qormi bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAI 883 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAM 413 misjuqa mill-konvenut.**

**Illi l-attur xehed li kien qed jipprocedi ghad-dritt fi Triq Imdina, Hal-Qormi, u precizament fin-nizla fejn hemm il-fabbrika tal-Coca**

**Cola. Waqt li kien qed jipprocedi b'dan il-mod huwa hass daqqa fuq il-gemb tax-xellug tal-vettura tieghu, u nduna li kien intlaqat mill-vettura misjuqa mill-konvenut u kellu hsara mal-gemb kollu tax-xellug tal-vettura tieghu. L-attur xehed ukoll li huwa ra l-vettura tal-konvenut l-ewwel darba mal-impatt u li fl-ebda mument din il-vettura ma kienet qed tinstaq quddiemu bl-***indicator* **mixghul. Huwa qabel mal-posizzjoni tal-vetturi kif indikata fl-iskizz. In kontro-ezami, huwa cahad li kien qed jittenta jaghmel manuvra ta' sorpass fil-mument tal-impatt u kkonferma li bejn il-vetturi parkeggjati fuq in-naha tax-xellug tal-vettura tieghu u l-istess vettura kien hewmm spazju bizzejjed biex jghaddu mill-inqas zewg vetturi. L-attur qal ukoll li fil-hin tal-inciddent il-vetturi sejrin fl-istess direzzjoni li kien qed jipprocedi fiha hu kienu ghaddejjin tnejn tnejn hdejn xulxin.**

**Illi l-konvenut xehed li kien qed jipprocedi f'Mdina Road bil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAM 413, ried idur lejn il-lemin tieghu sabiex jidhol fi triq laterali li hemm indikata fl-iskizz. Huwa qal li kien qed isuq lejn nofs tat-triq u li qabel ma beda' l-manuvra biex idur, xeghel l-***indicator* **u mexa' tul ta' erba' karozzi bl-***indicator* **mixghul. Qabel ma beda jdur, hares fil-mera u ra l-vettura tal-attur tul ta' zewg vetturi l-boghod minnu u ghalhekk beda jdur u sehh l-impatt. Il-konvenut isostni li f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-impatt, u anki aktar l-isfel, karreggjata wahda biss hemm u qal ukoll li l-hsara fil-vettura tieghu kienet mill-bieba ta' wara tan-naha tas-sewwieq filwaqt li fil-vettura tal-attur kienet fuq in-naha ta' quddiem.**

**Illi fil-fehma tat-Tribunal, l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza sehh unikament tort tal-konvenut li qabad u dar lejn il-lemin minghajr ma accerta ruhu li t-traffiku li kien qed jipprocedi warajh fehem l-intenzjoni tieghu li jdur. Huwa minnu li l-konvenut isostni li huwa xeghel l-***indicator* **mill-inqas tul ta' erba' karozzi l-boghod minn fejn sehh l-impatt izda f'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel riferenza ghal- diversi sentenzi tal-Qrati nostrani fejn dejjem gie ritenut li l-fatt li sewwieq jixghel l-indicator ma jassolvihx mid-dover tieghu li joqghod attent ghal utenti ohra tat-triq.(App. Krim Pul vs J. Busuttil 29.11.58). Fis-sentenza tal-24 ta' April 1995 fil-kawza flismijiet "***Anthony Busuttil vs Victor Grma" (Citazz. Numru 514/93GV)*, **il-Qorti ccitat sentenza ohra tal-11 ta' Dciembru 1972 fl-ismijiet** *"J. Debattisssta vs A. Caruana"* **fejn saret riferenza ghall-awtur Gibb li qal hekk:**

*"The driver's duty is not confined to making signals, he must see, so far as he can, that they have been understood" (Trial of Motor Car Accident Cases s 101)*

**It-Tribunal jidhirlu li l-incident gara tort tal-konvenut li ma zammx proper lookout qabel ma ghamel il-manuvra li biha biddel id-direzzjoni fis-sewqan tieghu. Dan huwa konfermat mix-xhieda tal-istess konvenut li qal li ra l-vettura tal-attur tul ta' zewg vetturi l-boghod minnu qabel ma beda jdur, kif ukoll mill-verzjoni tal-konvenut kif riportata fir-***Road Accident Report* **fejn huwa qal hekk "***Kont ghaddej normali fi Triq u xeghelt l-indicator biex indur ghal hawn gew* u dahal go fiha u beda jdoqq". **Il-fatt li l-attur beda jdoqq il-horn malli l-konvenut beda jdur jindika inekwivokabilment li dan tal-ahhar**

**holoq emergenza lil-attur meta qabad u dar u ghalhekk isegwi li l-istess konvenut ma hax dawk il-prekawzjonijiet kollha sabiex is-sewwieqa l-ohra fit-triq, f'dan il-kaz l-attur, jindunaw li huwa kien ser ibiddel id-direzzjoni u konsegwentement jjiehdu l-prekawzjonijiet necessarji.**

**Ili l-quantum tad-danni reklamati mill-attur ma giex komtestat mill-konvenut u inoltre l-attur esibixxa l-ircevuti relattivi. It-Tribunal izda qed inaqqas is-somma mitluba mill-attur bi hdax il-Lira Maltin u hamsin centezmu (LM11.50) stante li huwa ma kellux jinkludi l-ispejjes ta' ittra u konsult fis-sorte.**

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u disgha u sittin Lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (LM469.53) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.**

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**